# IL-GAZZETTA TAL-GVERN 1813-1840

(MINN ĠUŻÈ GATT)

*(Ara Għadd 50 paġ. 10)*

F'Marzu tal-1819, Casolani spiċċa minn Editur tal-Gazzetta. Baqa' biss bħala Kaxxier fit-Teżorerija tal-Gvern. Ta' dawn l-aħħar tliet xhur xogħol li għamel fit-treġija tal-Gazzetta, Casolani ħa £26. Bħala Teżorier fl-1819 tawh £408. Iżda mill-1820 il quddiem beda jieħu £429 fis-sena.

Għat-tluq ta' Casolani, fil-għadd 283 tal-Gazzetta, għadd li ħareġ fil-31 ta' Marzu 1819, insibu, li kull min ried jissieħeb, kellu jibda jmur fl-Uffizzju tal-Posta, Strada Rjali għadd 247.

Dit-taħbira saret, għax, flok Casolani, laħaq Bertu Mac Nab, li fl-1819 kien Suprintendent tal-Posta ta' Malta. Bħala Suprintendent, Mac Nab kellu l-ħlas ta' £150 fis-sena.

Meta Mac Nab sar Editur tal-Gazzetta, miegħu għamlulu wkoll, biex jgħinu, bħala Editur ieħor, lil Ċensu Mamo. F'dak iż-żmien Mamo kien jaħdem bħala t-Tieni Assistent fl-Uffizzju tas-Segretarju tal-Gvern. Ta' dan ix-xogħol kellu £286 fis-sena.

Fiż-żmien li l-Gazzetta kienet miexja b'żewġ Edituri, il-wasla u t-tluq tal-bastimenti tal-Posta ma baqgħux jinġiebu iżjed bit-taljan bħal qabel, iżda bdew jitħabbru bl-ingliż biss. U l-ewwel darba li dehru b'dan l-ilsien, kien fil-għadd 287 li ħareġ fit-28 ta' April 1819.

Iżda Mac Nab u Mamo ma damux wisq bħala Edituri tal-Gazzetta. Ma' egħluq ix-xahrejn, spiċċaw minn dan ix-xogħol. Tal-ħedma barranija li kienu għamlu, ħadu £14 kull wieħed.

Mill-flus li Mac Nab u Mamo daħħlu taż-żmien li għamlu bħala Mexxejja tal-Gazzetta, jidher, li l-ħlas ta' Editur, minn 1200 skud li kien qabel, sar 2000 skud fis-sena. B'din iż-żieda, il-Gvern ġie daħal f'nefqa ta 800 skud oħra aktar fis-sena għaż-żamma tal-Gazzetta tiegħu.

Iż-żewġ Edituri ma baqgħux fix-xogħol li kellhom, imħabba dan li sa ngħidu.

Fl-aħħar ta' Mejju 1819, Gavino Bonavita Champion, spiċċa minn Suprintendent ta' l-Istamperija. Mill-ħlas li dan kellu ta' 1200 skud fis-sena, tawh £6-18-11 fix-xahar għal għomru. Dal-ħlas beda jgħaddilu mill-1 ta' Ġunju tal-1819.

Mat-tluq ta' Bonavita, il-Gvern għamel taqliba kbira fl-Istamperija tiegħu. L-ewwel ma għamel biddel id-drawwa qadima li kien miexi biha dwar is-Suprintendent ta' l-Istamperija u

l-Editur tal-Gazzetta, billi għaqqad dawn iż-żewġ xogħlijiet f'wieħed. Għalhekk, meta spiċċa Bonavita, il-Gvern neħħa wkoll lil Mac Nab u lil Mamo. Flok dawn it-tlieta kien magħżul wieħed ieħor biss, biex dana, waqt li jara li jsir kollox sewwa fl-Istamperija, jieħu wkoll il-ħsieb tat-treġija tal-Gazzetta.

L-ewwel wieħed li żanżan din id-drawwa l-ġdida tal-Gvern, kien Ingliż, jismu Henry Harper. Dan kien jaħdem ma' l-Awditur, bħala wieħed mill-ewlenin skrivani tiegħu, bi ħlas ta' £172 fis-sena.

Harper daħal għax-xogħol il-ġdid fl-1 ta' Ġunju 1819. Ta' din il-ħidma tiegħu, sa l-aħħar tas-sena, tawh £150. Wara beda jieħu £258 fis-sena, li dak iż-żmien kienu jġibu 3000 skud. Barra dan il-ħlas, lil Harper tawh ukoll kera b'xejn fid-dar li fiha kienet l-Istamperija.

Għalkemm ġew imgħaqqda ż-żewġ xogħlijiet f'wieħed, bħalma 'l fuq semmejna, il-Gvern ma mar tajjeb xejn bit-taqliba li għamel. Tassew li lil Harper tawh 200 skud anqas minn nefqa li l-Gvern qabel kien irid joħroġ għas-Suprintendent ta' l-Istamperija u l-Editur tal-Gazzetta, iżda wieħed irid iqis ukoll li Harper kellu kera b'xejn f'dar li kienet meqjusa li ġġib £12 fis-sena. Barra minn hekk, biex Harper ikollu l-għajnuna fix-xogħol tiegħu ta' Editur, fl-Istamperija tefgħu lil Dr. Karlu di Cristoforo, li kien ukoll skrivan fis-Segreterija tal-Gvern. Dan ġie magħżul biex jaqleb, minn ilsien għall-ieħor, dak li kellu jidher fil-Gazzetta. Il-ħlas tiegħu kien ta' £ 46-6-0 fis-sena. Terġa', biex Harper ikollu min igħinu wkoll fil-ħsieb ta' l-Istamperija, wieħed mill-kompozituri, Ġanpatist Gatt, ġie magħmul *Overseer* Għal dan ix-xogħol ġdid li nħoloq fl-Istamperija, Gatt kellu £50-15-0 fis-sena.

Wara xi jiem li Harper daħal għax-xogħol ġdid tiegħu, il-Gazzetta bdiet iġġib li min ried jissieħeb fiha, issa kellu jibda jmur iniżżel ismu fl-Istamperija tal-Gvern.

Is-sena li fiha kien maħtur Harper (1819), kienet bidu ta' għaks kbir fl-Istamperija, għaqs li dam sejjer għal bosta żmien. Fejn ix-xogħol qabel kien sejjer ħajta ħarir, issa naqas għal kollox. Fuq hekk, il-Gvern kellu jaqa'biex jibgħat lil xi wħud li kienu jaħdmu miegħu. Weħlu 3 Kompożituri u Turkolier. Ta' l-ewwel kellhom 540 skud kull wieħed u ta' l-aħħar kellu 420. Terġa', biex il-Gvern ma jibqâx iċekken il-għadd tan-nies mill-Istamperija tiegħu, kellu jnaqqas mill-ħlas ta' dawk li żammhom jaħdmu miegħu. Għalhekk weħlu t-tmien Turkolieri li kien hemm. Mill-540 skud li dawn kellhom, il-Gvern naqqsilhom 120 skud kull wieħed. B'hekk il-ħlas ta' Turkolier baqa' b'420 skud fis-sena.

* * *

Fil-għadd 330 tal-Gazzetta, għadd li ħareġ fit-22 ta' Frar 1820, insibu mħabbar li bil-waħda ma baqgħetx tinbigħ minn Strada Rjali, fejn kienet qabel, iżda min ried jixtriha kellu jibda jmur iħassilha minn Strada Forni, għadd 67.

Wara erba' snin li fihom il-Gazzetta ma naqset qatt li ma dehritx, mill-anqas, bi tmien paġni, bdiet biex tnaqqas mill-għadd tal-folji fil-ħruġ tagħha. Mis-16 ta' Awissu tal-1820 sa Settembru 1821, għamlet xi drabi li dehret b'sitt paġni biss. Il-bqija tal-ħruġ tagħha kien ta' tmien paġni, barra minn ftit drabi li ħarġet b'iżjed ukoll. Iżda l-aqwa għadd tagħha kien meta, fit-28 ta' Marzu 1821, ħarġet bi tlittax il-paġna. Ħarġa ta' dan il-kobor, fil-għadd tal-paġni, qabel kienet għadha qatt ma għamlet oħra bħalha.

Ma dan kollu, is-sena tal-1821 kienet waħda mis-snin ta' bosta tibdil u żieda ta' tagħrif fil-ħajja tal-Gazzetta. Ma' l-ewwel għadd li ra d-dħul f'din is-sena, jiġifieri ma' dak l-għadd 376 li ħareġ fit-3 ta' Jannar, bdiet iġġib b'kemm kienu mixjin it-Titoli Ingliżi. Terġa', barra milli mit-2 ta' Ottubru bdiet iġġib x'riħ kien fil-jiem li għaddew, bdiet tgħarraf ukoll l-ismijiet ta' dawk il-passiġġieri li ġew, jew li marru, mal-bastimenti merkantili. L-ismijiet tal-passiġġieri u t-tagħrif ta' fuq it-temp li kien isir, dawn kienu jiġu mħabbra bit-taljan waħdu. Iżda meta fit-9 ta' Novembru bdiet iġġib il-passiġġieri li waslu, jew li telqu, mal-bastimenti tal-Posta, l-ismijiet ta' dawn kienu jinġiebu bl-ingliż biss. Barra minn hekk, mis-7 ta' Diċembru, bdiet tgħarraf ukoll dawk li bdew jiġu, jew imorru, mal-bastimenti tal-gwerra u t-trasporti. Dan it-tagħrif xi drabi kien isir bl-ingliż biss u minn xi daqqiet bit-taljan waħdu.

Iżda l-aqwa tat-tibdil li sar fil-Gazzetta fis-sena li semmejna (1821), kien meta flok darba, bdiet toħroġ darbtejn fil-ġimgħa. L-ewwel għadd li żanżan din il-libsa kien l-414, għadd li ħareġ fit-2 ta' Ottubru. B'dan it-tibdil, il-jiem tal-ħruġ tagħha saru t-Tlieta u l-Ġimgħa. Għall-imseħbin baqgħet tiswa xorta waħda sa l-aħħar tal-1821, iżda mal-bidu tal-1822 il-ħlas żdied u sar ta' 10 skudi fis-sena. Bil-waħda l-ħlas tagħha tbiddel ukoll, billi issa bdiet tinbigħ irbigħi u nofs kull għadd.

Meta l-Gazzetta għamlet it-tibdila li semmejna, naqqset ukoll mill-paġni tagħha. B'dana kollu, għalkemm kellha tibda toħroġ b'erba' paġni biss, ġie li ħarġet b'sitta wkoll, bla ma għolliet il-ħlas għal dawk li riedu jixtruha bil-waħda.

Ix-xiri bil-waħda konna għidna li beda jsir minn Strada Forni. Iżda meta l-Gazzetta waslet biex tagħlaq it-tlittax il-xahar li kienet ilha tinbigħ minn hemm, telqet il-bejta li kellha u marret f'oħra ġdida, fi Strada Tijatru għadd 128. Fejn bdiet tinbigħ issa, kien ħanut tal-Kafè, ta' Saver Mula. L-ewwel għadd li nxtara minn għand Mula kien l-462, għadd li ħareġ fid-19 ta' Marzu 1822.

Naħsbu li l-qarrej jaraha bi kbira meta jsib li l-Gazzetta tal-Gvern dari kienet tinbigħ minn ħanut tal-Kafè. Aħna wkoll stagħġibna biha din il-biċċa. Fuq hekk, aktarx li jkun hemm min jaħseb li, f'dak iż-żmien, ma kienx hawn ħwienet tal-kotba, fejn kienet tista' tinbigħ ukoll il-Gazzetta. Iżda xejn minn dan kollu. Tassew li dari ma kienx hawn dak il-għadd kbir ta' bejjigħa tal-kotba bħalma għandna l-lum, iżda l-ftit dejjem kien hawn. Għalhekk ma nistgħux nifhmu x'kienet dik il-biċċa li ġagħlet lill-Gvern biex il-Gazzetta tiegħu jagħtiha li tinbigħ f'Kafè, u mhux f'xi ħanut li kien għall-kotba u l-Gazzetti.

Fis-snin tal-1822 u 1823, il-Gazzetta ħarġet akbar, fid-daqs, mis-snin ta' qabel. B'dan kollu, il-kobor tagħha żdied għall-għajn biss, billi din kibret fil-karta bla ma żdiedet fil-qari. Iżda dal-kobor battal tal-karta ma' l-ewwel għadd tal-Gazzetta li deher f'Jannar tal-1824, reġa' ġie mnaqqas mill-ġdid, billi bdiet toħroġ f' id-daqs ta' qabel l-1822.

* * *

Konna għedna li, meta l-Ingliż żdied mat-taljan, ġie mħabbar li l-Gazzetta kellha tibda tiġi mwassla sad-dar ta' l-imsieħbin. Fuq dan it-taħbir, x'aktarx li l-imsieħbin kollha kienu jridu li l-Gazzetta taslilhom f'darhom, sew dawk li kienu fl-ibliet, kemm ukoll dawk li kienu fl-irħula. Iżda billi dawk l-imsieħbin ta' barra l-Belt x'aktarx li kienu mxerrdin, dak li kien iqassam il-Gazzetta ma kienx jista' jlaħħaq ma' kulħadd. Għalhekk, biex ma jinqala' l-ebda tfixkil u tilwim iżjed ma' l-imsieħbin, sar ftehim ieħor. Mill-għadd 473 tas-26 ta' April 1822 il quddiem, fil-Gazzetta beda jiġi mgħarraf, li din tasal fid-dar ta' dawk l-imseħbin biss li kienu joqogħdu fil-Belt. Lil dawk ta' barra l-Belt, ma sibniex kif kienet taslilhom. Biss nistgħu nobsru, li din x'aktarx kienet tinbagħtilhom mal-Posta fl-Uffiċċji tad-Deputati Logutenenti ta' fejn ikunu l-imsieħbin, biex dawn imorru u jeħduha minn hemm.

Il-Posta ta' dari ma kenitx bħal tal-lum. Jekk l-ittri u l-gazzetti l-lum jaslulek sa wara biebek, dari kont trid tmur għalihom int. Terġa', jekk il-pustaġġ il-lum iħallsu min jibgħat, dari kien iħallsu min imur jieħu l-ittri u l-gazzetti li jaslulu fl-Uffiċċji tad-Deputati Logutenenti. Iżda jekk l-imsieħbin fil-Gazzetta tal-Gvern ta' barra l-Belt kenux iħallsu jew le tal-pustaġġ, ma sibniex.

Fuq kif kienet taħdem il-Posta dari, x'aktarx li ssib min jistaqsi kif wieħed kien ikun jaf li waslet ittra għalih. Dari, min kien jistenna xi ittri minn barra, kull meta jidħlu l-bastimenti tal-Posta, kien imur jistaqsi għal l-ittri tiegħu hu. Barra minn hekk, meta jkunu jafu min hu dak li għalih intbagħtet l-ittra, kien jiġi mgħarraf ħalli jmur l-Uffiċċju tal-Posta, jekk

hu mill-Belt, jew l-Uffiċċji tad-Deputati Logutenenti, jekk hu barra mill-Belt, biex iħallas l-ittra u joħodha.

Xi drabi ġie li waslu ittri għal nies li ma kinux magħrufa. Terġa', billi dawn ma jmorrux għalihom, l-ittri kienu jibqgħu l-Posta tal-Belt għal xi żmien. Wara kienu jibagħtuhom is-Segreterija. F'Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern li ħareġ fil-25 ta' Settembru 1817, hemm miġjub għadd kbir ta' ismijiet ta' nies li waslulhom ittri fil-Posta, bejn it-3 ta' Diżembru 1816 u l-25 ta' Settembru 1817, u ħadd ma mar għalihom.

*(Fadal)*